**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Antonio Briffa**

**Kumpilazzjoni numru 369/2013**

**Illum 13 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Antonio Briffa** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 402078 (M) billi huwa akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2013 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu ta' John Agius ID 40457G u/jew Starfruit Ltd.

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda'

b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemment l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' John Agius ID 40457G u/jew Starfruit Ltd.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 26 ta' Mejju, 2014 (esebita a fol. 50 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-kitba maghmula mill-prosekuzzjoni.

Id-difiza ghalkemm kellha l-opportunita' biex tipprezenta n-nota taghha taghha naqset milli taghmel dan.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**<u>Il-*fattispecie* tal-kaz</u>**

Il-Pulizija kienet irceviet rapport minghand John Agius, Direttur Manigerjali tal- Kumpanija Star Fruit Limited li Antonio Briffa impjegat mal-kumpanija bhala Sales u Delivery Person, li kien inkarigat jigbor flus dovuti lill-kumpanija tal-kunsinni li kien jaghmel, kien qed jigbor il-flus minghand il-klijenti ghan-nom tal-kumpanija, izda minflok ma kien qed jiddepozita, jew jghaddi dawn il- flus ghand is-sid kif suppost kellu jaghmel, huwa kien qed johodhom ghalih. Huwa kien qieghed idawwar il-flus bi profit ghalih innifsu jew ghal haddiehor. Din is-somma hija stmata li tlahhaq ghal madwar hdax-il elf ewro (€11,000.00).

Fl-istess rapport is-sur Agius rraporta li din ma kinetx l-ewwel darba li l-imputat Antonio Briffa gabar flus f'isem il-kumpanija u zammhom ghalih. Kien sar rapport mal-pulizija illi Briffa kien mizapproprija flus dovuti lill-kumpanija liema somma tlahhaq aktar minn disghin elf ewro (€90,000.00) u li fuq dan il-kaz hemm proceduri ghaddejjin il-Qorti.

Fis-6 ta' Marzu 2013, il-pulizija kellmet lil Antonio Briffa fejn stqarr illi hu kien zamm ghalih innifsu flejjes li kien gabar minghand debituri tal-kumpanija u li tali somma tlahhaq l-ammont ta' bejn ghaxart'elef ewro (€10,000.00) u hdax-il elf ewro (€11,000.00). L-imputat stqarr li kien wasal sabiex jaghmel dan ghaliex ma kellux flus bizejjed sabiex jghix hu w l-familja tieghu, u dan minhabba l-fatt illi c-cekk tal-paga kien 'kostrett' illi jiffirmah minn wara u dan jerga' jghaddih lura ghand il-kumpanijan sabiex ikun jista' jaqta' dejn ta'aktar minn disghin elf ewro (€90,000.00) li hu kellu mal-istess kumpanija.

L-imputat stqarr li ma kienx ghamel rapport mal-Employment Relations Unit rigward il-fatt illi hu kien qed jahdem u ma jiehux paga lura mieghu d-dar u qal li l-familja tieghu kienet tinsab fi krizi finanzjara kbira.

**Ikkunsidarat:**

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija fl-imputat taht, fost l-ohrajn, Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Ir-reat tal-Approprazzjoni Indebita</u>**.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

"Skont gurisprudenza kostanti u anke skont awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor (Il-**Pulizija vs Marbeck Cremona** - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dana r-reat.

> *"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dan ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[1]

[1] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana r-reat:

> *"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghall-kummissjoni ta' dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

> *"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e*

*dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi mill-esposizzjoni legali tal-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misappropprazzjoni jidher illi dana r-reat huwa ibbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li jkun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu jrid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma jridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqis illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.

**Artikli 308 u 309 tal-Kapitlu 9**

Illi, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali jaghmel referenza, ukoll ghall-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mentri Artikolu 308 jitratta frodi b'ghemil qarrieqi, Artikolu 309 jitratta kazijiet ohra ta' qliegh b'qerq.

Illi biex jissusisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l-uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...] Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. [...]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kkwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi:

"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz *mise-en-scene*".

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

> "….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li ccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente"* (Cassazione Penale Sez. II 3 Ottobre 2006 n. 34179).

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà*

*sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-*"raggiri"* jew l-*"artifzji"* huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioé is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Dicembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta *ossia* twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioé intiza jew preordinata sabiex il-persuna ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

Ricentament l-Qorti ta' l-Appell, Il-**Pulizija vs. Aaron Mizzi** datata 15 ta' Jannar 2015 ddikjarat:

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex*

*necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi."*

**<u>Stqarrija tal-imputat</u>**

Fl-istqarrija Antonio Briffa jikkonferma hu kien zamm ghalih innifsu flejjes li kien gabar minghand debituri tal-kumpanija Star Fruit Limited u li tali somma tlahhaq l-ammont ta' bejn ghaxart'elef ewro (€10,000.00) u hdax-il elf ewro (€11,000.00). L-imputat stqarr li kien wasal sabiex jaghmel din ghaliex ma kellux flus bizejjed sabiex jghix hu w l-familja tieghu, u dan minhabba l-fatt illi cekk tal-paga kien 'kostrett' illi jiffirmah minn wara u dan jerga jghaddih lura ghand il- kumpanija sabiex ikun jista' jaqta' dejn ta'aktar minn disghin elf ewro (€90,000.00) li hu kellu mal-istess kumpanija. (**Dok. JF1 *a fol.* 23**).

Illi wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-<u>prova regina</u> li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

*"Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-<u>prova regina</u> w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".*

Illi meta jitkellem dwar il-konfessjoni, l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) jiddisponi li kull haga li l-imputat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm , tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid, jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi . Fil-kaz in ezami l-imputat qatt ma ressaq xi prova biex juri li din l-istqarrija ma saritx volontarjament jew biex juri li kellu xi theddid, jew biza jew li ittiehdet b'weghdiet jew twebbil ta' vantagg .

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[2]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

[2] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[3] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha*

[3] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat.

**Ghin ruhek biex Alla jghinek**

Fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, ladarba l-imputat stess ma kienx ha l-opportunita mogħtija lilu minn min kienu jipprovdielu x-xoghol, l-imputat irid jifhem li jrid jgħin ruħu biex Alla jgħinu. L-għajnuna li offrielu l-employer warrabha. Issa ma jistax jippretendi li l-Qorti tagħlaq għajnejha għal dan il-fatt. Jekk irid l-għajnuna irid ikun hu l-ewwel li jxammar il-kmiem u jmidd idejh għax-xogħol. L-għajnuna ta' ħaddieħor mingħajr impenn serju tieghu ma huwa ser iwasslu mkien. Il-Qorti trid izzomm quddiem għajnejha mhux biss id-drittijiet tal-imputat, izda wkoll id-drittijiet tal-vittma li hu għazel minn jeddu li jabbuza mill-id ta' hbiberija u l-kompassjoni. Biex isolvi l-problemi finanzjarji tieghu, l-imputat ma għandux dritt li jirrikorri għal atti kriminali. Hemm ħafna mezzi onesti li permezz tagħhom persuna tkun tista' ggib il-flus – dment li tkun trid tmidd idejha u taħdem. Il-Qorti tifhem li mhux kulħadd għandu x-xorti tajba li jkollu ħajja tajba u l-bogħod mill-kriminalita'. Tifhem ukoll id-diffikultajiet li persuni bħall-imputat ikollhom. Il-bniedem għandu s-setgħa tar-rieda u tar-raguni. U ragel ta' tmienja u tletin sena suppost li għandu raguni bizzejjed biex jiddeciedi jekk iwettaqx att kif wettaq jew joqgħdox lura milli jwettqu.

Mill-banda l-oħra l-Qorti ma tistax tħares biss mill-għajnejn u mill-lenti tal-imputat u tad-drittijiet tiegħu. Il-Qorti ma tistax tibqa' b'għajnejha magħluqa u cassa quddiem min l-opportunitajiet li jinghata jinjorhom. Il-Qorti tifhem l-imputat ukoll għandu obbligi li jrid josserva – fosthom li jirrispetta l-proprjeta ta' ħaddieħor.

Il-Qorti trid izzomm quddiem għajnejha wkoll is-sitwazzjoni tal-veri vittmi f'dan il-kaz li huma dawk li spiccaw intortament vittmi tieghu.

L-imputat zgur li ma jrid lil ħadd imissilu ħwejjgu u allura jrid jifhem li ma jistax imiss ħwejjeg ħaddieħor.

Il-Qorti għalhekk sejra taghti piena ta' prigunerija effettiva kontra tal-imputat.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Arikoli 17, 18, 23B, 31, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha tilliberah, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija.

Inoltre skont kif jipprovdi Artikolu 532A tal-Kap. 9, tordna lill-imputat sabiex fi zmien sena minn meta jiskonta s-sentenza ta' prigunerija jhallas is-somma ta' hdax-il elf Euro (€11,000) lil John Agius direttur ta' Star Fruit Limited.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

______________________________
**Ft./Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Vera kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**